**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Agius]**

**vs**

**Khalid Tonna**

**Kumpilazzjoni Numru: 314/18**

**Illum, 26 ta' Jannar, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Khalid Tonna detentur tal-karta tal-identita` numru 230301L.

1. Akkuzat talli nhar it-2 ta' Marzu 2017 ghall-habta tal-22:30hrs gewwa Triq iz-Zinzel, Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer; bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq wera dan b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt kien ikun jikkwalifika bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga

misruqa ghad-detriment ta' George Falzon, u/jew xi persuni jew entitajiet ohra.

2. Fl-istess cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara u/jew gharraq hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u liema hsara tezorbita il-mitejn u hamsin ewro (€250) ghad-detriment ta' George Falzon u/jew persuna ohra.

3. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation bi ksur tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta ghal-tlett snin u din mghotija min Magistrat Dr. Doreen Clarke LLD nhar 19/10/2016 liema sentenza giet estiza nhar is-16/7/2017 mil-istess Qorti. Liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mhassra jew mibdula.

4. Il-Qorti giet mitluba titratta ma Khalid Tonna bhala recidiv ta' sentenzi moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi.

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Art. 7 tal-Kap. 446, Art. 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi u stante li llum il-gurnata l-imputat irriforma ruhu ssib lill-imputat Khalid Tonna hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi u timponi Ordni ta' Probation taht l-Art. 7 tal-Kap. 446 ghal sentejn (2) u liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza, filwaqt li tilliberah mit-tielet (3) akkuza fuq nuqqas ta' provi u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' (4) akkuza stante li giet irtirata.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**